**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**


**IL-ĦADD, 19.08.07:** L-Għoxrin Ħadd matul is-sena. Illum hija d-dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.
Fis-**6.30a.m**. quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima.
**L-ERBGĦA, 22.08.07:** Tifkira ta' l-Imqaddsa Veġni Marija Reġina.
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa.
**IL-ĠIMGĦA, 24.08.07:** Festa ta' San Bartilmew Appostlu.
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa
**IS-SIBT, 25.08.07:** Illum se ssir l-Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati, fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.Ix-xarabnak titlaq mill-parroċċa tagħna fis-645p.m. mill-pjazza tal-knisja.
**Il-Ħadd, 26.08.07:** Il-21 Ħadd matul is-sena.

**PELLEGRINĠĠ DJOĊESAN GĦAL MALTA.**

Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fil-Pellegrinaġġ minn Għawdex kollu għall-Parroċċa tal-Kunċizzjoni Bormla, Malta huma mitluba biex jaħsbu għall-biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali mhux iktar tard minn nhar il-Ħadd,19 ta' Awissu. Dawk li se jiġu, jridu jġibu magħhom l-karta ta' l-identita'
Dan se jkun nhar it-Tlieta, 21 ta' Awissu. Nitilqu mal-Vapur tas-6.00p.m. u nirritornaw mal-vapur tal-10.15p.m. Kif naslu jkun hemm quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

**IL-KUNSILL LOKALI**

Ser jorganizza B-B-Q nhar it-Tlieta, 28 ta' Awissu, fil-Bajja f'Mġarr ix-Xini, għall-persuni li għandhom 'l fuq minn 50 sena. Ser ikun hemm trasport minn Sannat fis-6.30p.m. Biljetti jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill mhux iktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa 24 ta' Awissu.

## *Siltiet mill-Ittra Pastorali ta' l-Isqfijiet…..*

Mistoqsija li jagħmel l-bniedem hija dwar x'futur hemm għalih. X'inhu l-għan ta' ħajtu? X'hemm wara l-mewt?
Qed ngħixu f'kultura l tipprova tnessina li hemm ħajja wara l-mewt..
Jekk ngħixu ħajjitna daqs kieku Alla ma jeżistix, kollox isir lecitu. Jekk ma' nemmnux li xi darba se nidhru quddiem Alla u rridu nagħtu kont ta' għemilna, x'sejjer jgħinna biex inkuu responsabbli magħna nfusna u ma' l-oħrajn?
Inħossu li huwa urġenti u kruċjali li l-komunita' ekkleżjali f'pajjiżna terġa tiskopri u tipproponi lis-soċjeta' dgħajfa tal-lum, id-dimensjoni l-oħra tal-ħajja f"din id-dinja li sikwit ninsew : il-ħajja ta' dejjem.
Il-ħajja nisranija mhix aljenazzjoni jew ħarba mill-impenn tal-ħajja ta' kuljum.
Il-verita' dwar il-ħajja eterna tgħidilna li l-bniedem ta' ħdejja hu maħluq għal Alla u rrid nirrispettah u ma' nfixklux; il-ħwejjeġ materjali huma utli u neċessarji, iżda ma' nistax ma' naħsibx kif nużahom tajjeb, għax dawn jistgħu jkunu teżor fis-sema; it-tbatija u l-mewt ma' niħux gost bihom, iżda nista' ngħaqqadhom mat-tbatija ta' Kristu li kienet biss passaġġ għall-ħajja ta' dejjem.
Jekk mill-lum m'aħniex mexjin lejn l-eternita', aħna pagani ġodda! Għax min ma' jemminx fil-ħajja ta' dejjem, ma' jkollux fih ix-xewqa li jingħaqad ma' Alla biex igawdi l-wiċċ sabieh tiegħu.
Kieku wieħed ikun jaf li għandu jidher quddiem Alla, kieku se jigdeb, jisraq, joqtol? Kieku se jkun hemm tradiment fiż-żwieġ? Kieku mhux iktar inħennu għall-proxxmu? Mhux iktar inkun responsabbli ta' dak li nagħmel?
Aħseb x'int kapaċi tagħti lis-soċjeta ċivili jekk tħares il-kmandamenti u jekk tkun imbuttat mill-kelma u mill-kwalita' tal-ħajja proposta minn Ġesu! Għaliex ma' tibdiex taħseb il-lum fuq dak li taf li se taħseb fuqu meta toqrob il-mewt għalina?
Dan jista jġib bidla f'ħajjitna u fil-Knisja.